FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 1183/01JR**

**Emmanuel Delicata & Sons Limited**

**vs**

**MCJ Retailers Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz presentat mis-socjeta' attrici fl-10 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u erbgha liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm304.44), u fejn intqal:**

**Illi s-socjta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tlett mija u erba' liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm304.44) rapprezentanti prezz ta' merci lilha mibjugha u konsenjata;**

**Illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;**

**Ghaldaqstant tghid l-istess socjeta` konvenuta l-ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandux it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u erba' liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm304.44) dovuta kif fuq inghad;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' qbid numru 2434/01 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta` konvenuta ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.**

**Ra li dehret d-difensur tas-socjeta` konvenuta, pero` ma gietx prezentata risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Vanessa Borg ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata t-tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u erba' liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm304.44), bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Ottubru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk tal-mandat ta' qbid numru 2434/01 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv. Joseph Refalo**
**Gudikatur**